**24. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor Louis Grech ippropona:**

Din il-Kamra:

TINNOTA li f'dawn l-aħħar snin, il-familji u n-negozji qed jinteressahom dejjem aktar materji ekonomiċi u finanzjarji għaliex jeżisti għarfien akbar dwar kemm dawn l-oqsma iħallu impatt fuq il-ħajja ta' kuljum;

TINNOTA wkoll li l-kriżi ekonomika u finanzjarja li ħakmet lid-dinja tiddetta li jkun hemm aktar attenzjoni, monitoraġġ u skrutinju fuq id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-gvernijiet u l-istituzjonijiet minħabba l-impatt dirett kif ukoll indirett li tali deċiżjonijiet ikollhom fuq l-istess familji u negozji.

TAGĦRAF li l-Gvern il-ġdid fil-manifest elettorali tiegħu wiegħed li jiġi introdott dan il-Kumitat Permanenti biex iħares lejn il-politika tal-Gvern u lejn dak li qed jiġri madwarna f'dawn l-oqsma.

TAGHRAF li fil-5 ta' Lulju 2012 il-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti preċedenti l-Onor. Michael Frendo, kien ħejja Memorandum għall-Kumitat dwar ix-Xoghol tal-Kamra fejn kien ġie rakkomandat li jitwaqqaf tali Kumitat Permanenti għar-raġunijiet li huwa semma fl-istess Memorandum;

TIPPROPONI li jitwaqqaf Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, bil-għan li fost affarijiet oħra:

(a) Jiddiskuti r-riperkussjonijiet tad-deċiżjonijiet lokali, Ewropej u internazzjonali fuq l-ekonomija Maltija;

(b) Jagħmel skrutinju ta' rapporti ippubblikati lokalment, mill-Istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll ta' rapporti oħra li jistgħu jiġu riferuti lilu mill-Kamra jew minn xi Kumitat Permanenti ieħor;

(c) Jitlob biex persuni jidhru quddiem l-istess Kumitat sabiex jagħmlu espożizzjoni jew jagħtu rendikont tal-ħidma u tar-responsabbilitajiet tagħhom fl-oqsma li jaqgħu taħt dan l-istess Kumitat.

GHALDAQSTANT din il-Kamra tirriżolvi li:

**A.** It-test Malti tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati għandu jiġi emendat kif ġej:

**1.** Fl-Ordni Permanenti 120A, minnufih wara l-paragrafu (vi) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(vii) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji."

**2.** Minnufih wara l-Ordni Permanenti Numru 120H għandu jidħol l-Ordni Permanenti ġdid li ġej:

“Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

120I. (1) Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji jkollu s-setgħa li:

(a) fuq inizjattiva tiegħu stess, jikkunsidra minn perspettiva ekonomika u finanzjarja, kull deċiżjoni, rakkomandazzjoni jew rapport ippublikat lokalment, mill-Istituzzjonijiet Ewropej jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali, li jista’ jkollhom impatt fuq l-ekonomija Maltija;

(b) jitlob persuni appuntati mill-Gvern ta’ Malta fuq l-organi governattivi u amministrattivi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabilità (MES), kif provdut fl-artikolu 7 tal-Att dwar il-Parteċipazzjoni u l-Għoti ta’ Appoġġ għall-Istabbiltà (Kap. 523), jidhru quddiem il-Kumitat sabiex jagħtu rendikont tal-ħidma tal-MES u tal-faċilità għall-istabilità finanzjarja Ewropea (EFSF);

(c) jitlob lill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta’ Malta jidher quddiem il-Kumitat kif provdut fl-artikolu 8(6) tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta’ Malta (Kap. 204);

(d) jikkunsidra kull materja jew rapport li jista’ jiġi riferut lilu mill-Kamra jew mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra; u

(e) jikkunsidra kull materja jew rapport li jista’ jiġi riferut lilu minn xi Kumitat tal-Kamra;

(2) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji għandu jkun magħmul minn mhux iktar minn seba’ membri li minnhom erbgħa jikkostitwixxu *quorum.* Il-membri għandhom jintgħażlu b’dak il-mod li jkunu ġustament jirrappreżentaw lill-Kamra b’mod ġenerali, u proporzjonali skond l-għadd ta’ Membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, b’mod partikolari.

(3) Wieħed minn dawk il-Membri nominati mill-Gvern għandu jinħatar bħala President tal-Kumitat.

(4) Il-provvedimenti ta’ paragrafi (3) u (4) ta’ Ordni Permanenti 120B għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

**3.** Fl-Ordni Permanenti 120E (1), il-paragrafu (i) għandu jitħassar.

**B.** It-test Ingliż tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati għandu jiġi emendat kif ġej:

**1.** Fl-Ordni Permanenti 120A, minnufih wara l-paragrafu (vi) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

“(vii) The Standing Committee on Economic and Financial Affairs.”

**2.** Minnufih wara l-Ordni Permanenti Numru 120H għandu jidħol l-Ordni Permanenti ġdid li ġej:

“The Standing Committee on Economic and Financial Affairs.

120I. (1) The Standing Committee on Economic and Financial Affairs shall:

(a) on its own initiative, consider from an economic and financial perspective, any decision, recommendation or report published locally, by the European Institutions or by international organisations, that could have an impact on the Maltese economy;

(b) request persons appointed by the Government of Malta to represent it on the governing and administrative organs of the European Stability Mechanism (ESM), as provided for in article 7 of the Participation and Granting of Financial Stability Support under the European Stability Mechanism Act (Cap. 523), to appear before the Committee for the purpose of rendering account of the workings of the ESM and of the European Financial Stability Facility (EFSF);

(c) request the Governor of the Central Bank of Malta to appear before the Committee as provided for in article 8(6) of the Central Bank of Malta Act (Cap. 204);

(d) consider every matter or report that may be referred to it by the House or the Standing Committee on House Business; and

(e) consider every matter or report that may be referred to it by a Committee of the House;

(2) The Standing Committee on Economic and Financial Affairs shall be constituted of not more than seven members, where four members shall constitute a quorum. The Members should be chosen in such manner as appears practicable to the House as fairly to represent the House in general and the proportion of Government and Opposition members in the House in particular.

(3) One of the Members nominated by the Government shall be appointed as Chairman of the Committee.

(4) The provisions of paragraphs (3) and (4) of Standing Order 120B shall *mutatis mutandis* apply to the Standing Committee on Economic and Financial Affairs."

**3.** Fl-Ordni Permanenti 120E (1), il-paragrafu (i) għandu jitħassar.

18.04.13